MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 724/2002

**Middle Sea Insurance plc f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha s-soċjeta' Salvo Grima & Sons Limited.**

**-vs-**

**Medserv Limited f'isimha proprju u bħala aġent tas-soċjeta' estera AGIP OIL; u H. Mifsud & Sons Ltd. Bħala aġent tas-soċjeta' estera Augusta Supply Services S.p.A, armaturi tal-bastimenti *m/v Asso 11.***

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-25 ta' Ġunju 2002 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi fis-27 ta' Ġunju 2001, is-soċjeta` Salvo Grima & Sons Limited esportat lejn rig taż-żejt DP4 sitwat fl-ibħra territoriali tal-Libja konsenja ta' prodotti tal-ikel ġewwa

*container* refriġerat *(reefer container)* Nru. SGSL 1860052 li kien trasportat mill-bastiment *m/v Asso 11;*

Illi fis-26 ta' Ġunju 2001, il-prodotti tal-ikel kienu stivati fil-*container* fil-maħżen tas-socjeta` esportariċi liema *container* kien imbagħad issiġillat fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana;

Illi l-*container* kien f'kondizzjoni tajba meta telaq mill-maħżen tas-soċjeta` esportatriċi fis-27 ta' Ġunju 2001 u kien konsenjat lis-socjeta` konvenuta Medserv Limited f'kondizzjoni tajba sabiex jitgħabba fuq il-bastiment *m/v Asso 11;*

Illi wara l-*container* tgħabba fuq il-bastiment *m/v Asso 11* dan telaq minn Malta fis-27 ta' Ġunju 2001 u meta wasal fir-rig taż-żejt ċirka tmintax-il siegħa wara nstab li l-merkanzija ta' ġo fih kienet iddeterjorat, l-operaturi tar-rig irrifjutaw il-*container* u bagħtuh lura Malta bil-kontenut ta' ġo fih;

Illi wara li l-*container* wasal Malta u reġa' nfetaħ instab li l-prodotti tal-ikel kienu ħżienu għal kollox;

Illi l-merkanzija kellha kopertura assikurativa mas-soċjeta` attriċi, l-istess soċjeta` attriċi, kif obbligata, għall-ħsara li ġarrbet is-soċjeta` Salvo Grima & Sons Limited ħallset is-somma ta' sebat elef, mija tmienja u disgħin lira ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm7,198.75c) kwantu għal mitejn u tnax-il lira ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm212.75c) bħala *survey fees* u kwantu għal sitt elef disa' mija sitta u tmenin lira (Lm6,986) a favur tal-assikurat tagħha li mbagħad issurrogaha fid-drittijiet tal-importatur (Dok. A);

Illi għall-ħsara fil-merkanzija li kien hemm fil-*container* kienu responsabbli s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom;

Igħidu għalhekk is-soċjetajiet konvenuti għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din il-Qorti:-

1. tiddikjarahom responsabbli, jew min minnhom, għall-ħsara fuq riferita;

u

2. tikkundannahom, jew min minnhom, li jħallsu *in linea* ta' danni lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sebat elef mija tmienja u disgħin lira ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm7,198.75c) kwantu għal mitejn u tnax-il lira ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm212.75c) bħala *survey fees* minnha sborżati u kwantu għal sitt elef disa' mija sitta u tmenin lira (Lm6,986) minnha sborżati a favur tal-assikurat tagħha s-soċjeta` Salvo Grima & Sons Limited li ssurrogatha fid-drittijiet tagħha, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, fiċ-ċirkostanzi u minħabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta H. Mifsud & Sons Ltd. ippreżentata fil-11 ta' Settembru 2002, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi hija ġie

2. Illi *inoltre*
tagħbija u dana s-soċjeta` attriċi setgħet faċilment tivverifikah mat-turretta kif ukoll mad-dokumenti tad-dwana.

3. Illi din is-s
4. Illi *inoltre*
ma jidhirx li saret.

5. Salvi eċċe

6. Bl-ispejjeż

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta Medserv Ltd. ippreżentata fit-23 ta' Ottubru 2002, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Preliminarjament illi s-soċjeta` Medserv Limited ma għandhiex ir-rappreżentanza ġuridika f'Malta tas-soċjeta` AGIP OIL COMPANY LTD iżda kienet qegħedha taġixxi biss bħala kuntrattur tagħha għall-ħatt u tagħbija tal-*container* destinat għal Bouri Field, offshore Libya.

2. Illi f'kull każ u bla preġudizzju għas-sueccepit, fil-konfront tas-soċjeta` AGIP OIL COMPANY LTD it-talbiet attriċi huma insostenibbli, billi l-*container* in kwistjoni qatt ma kien fil-kotroll dirett tagħha.

3. Illi f'kull każ u bla preġudizzju, t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuta Medserv Limited *proprio et nomine* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi huma ma jaħtu xejn għall-ħsara allegatment ingarba fil-merqa ġewwa l-*container* hi kwistjoni.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2009 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma titratta l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti l-Qorti se teżamina d-depożizzjonijiet fil-fehma

tagħha l-aktar importanti tax-xhieda prodotti bil-għan illi tingħata stampa ċara ta' dak li ġara u ta lok għall-kawża.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2004 xehed Paul Ellul, li huwa *surveyor*, u kien ġie nkarigat mill-atturi biex jinvestiga l-kundizzjoni tal-merkanzija meta din waslet lura Malta wara li ntbagħtet lura appuntu minħabba l-istess kundizzjoni. Dan wara li vverifika li l-ikel kien iddeterjora għal kollox. Xehed ukoll Brian Dalton, li huwa *technician.* Dan kien tal-opinjoni li l-ikel ħżien għaliex ir-refriġerazzjoni fuq il-vapur ma tħaddmitx sewwa.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu xehed Ġodwin Catania, uffiċjal tas-soċjeta' Medserv, li qal li huma għandhom kuntratt ma' Agip Oil li permezz tiegħu jgħabbu u jħottu l-vapuri skond l-istruzzjonijiet tagħhom; f'dan il-kuntest jgħabbu wkoll xogħol tal-kuntratturi tagħhom. Huwa qal li huma mhumiex aġenti tal-vapur, iżda aġenti tal-*carġo*. Qal ukoll: *"Meta nkunu nafu li dieħel vapor, ninfurmaw lill-kuntratturi tal-klijent tagħna x'ħin għandu jintbagħat ix-xogħol. Dan aħna għamilnih, il-vapur daħal fit-8:00 a.m. u x-xogħol wasal fit-8:30 a.m. Kien hemm rappreżentant tal-Corinthia u … Brian Dalton. Milli jidher il-Corinthia għandha kuntratt ma' Agip Oil u tgħaddih lid-ditta Salvo Grima. Dawn qalu li l-container x'ħin wasal kien fi stat tajjeb, naturalment il-container ikun issiġillat. Ix-xogħol tgħabba u dawn iż-żewġ min-nies telgħu abord, ħadu ħsieb li jqabbdu l-lead mal-power tal-vapur, u reġgħu ddikjaraw illi x-xogħol kien qed jaħdem tajjeb. Meta ngħad jaħdem tajjeb, jiġifieri qed nirreferi għall-freezer u għall-cooler … Jien ngħid illi appena x-xogħol jitgħabba, ir-responsabbilta' tagħna tieqaf u jieħu over il-vapur … Mistoqsi jekk aħna rajniex il-kesħa tinżammx, ċjoe' it-temperatura li fiha jinżammu l-oġġetti, ngħid li din hija r-responsabbilta' ta' Mr. Dalton u tal-Corinthia. Mhijiex responsabbilta' tagħna li nipplaggjaw għaliex ix-xogħol ma ordnatux Medserv. Fir-rigward ta' loading u unloading, il-kuntratt jgħid li … nieħdu ħsieb dan ix-xogħol.*

Illi fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2005 xehed Ray West li kien *General Manager* mas-soċjeta' Salvo Grima & Sons Ltd. fiż-żmien in kwistjoni. Qal li din is-soċjeta' hija *ship*

*chandler*, u allura tforni l-vapuri bin-neċessitajiet kollha tagħhom. Fil-każ in kwistjoni, il-Corinthia kienet issajjar l-ikel *(caterer)* u huma kienu jwasslulhom l-ikel. Fil-każ in eżami huma kienu ssupplew l-oġġetti tal-ikel u għabbewhom f'kundizzjoni tajba. Huma għaddew dan l-ikel lil Medserv f'Manoel Island; il-vjatt (mill-Marsa) kien jieħu massimu ta' għoxrin minuta. Mill-mument li jidħol fil-*premises* tal-Medserv il-merkanzija tkun fil-pussess tagħha. Meta l-*container* jittella' fuq il-vapur, kellhom *technician* tagħhom illi ra li kollox sar sew u kien ċert li t-temperatura tiegħu kienet tajba. Ġranet wara (fid-29 ta' Ġunju) irċieva telefonata li permezz tagħha ġie nfurmat li l-ikel kien wasal fi stat ħażin u jinten, u li kien ser jintbagħat lura. Meta twassal lura, informa lis-soċjeta' assikuratriċi li bagħtet *surveyor* (Ellul). Mar ukoll it-*technician* Dalton, u dan qal li l-*freezer* flok kien ikessaħ 'il ġewwa, kien ikessaħ 'il barra. Fil-preżenza tal-uffiċjal tad-Dwana qalgħu s-siġill u ħarġu l-ikel u rmewh għall-ipproċessar. Għamlu *claim* mad-ditta assikuratriċi li ħallsithom. Mistoqsi kienx hemm xi kuntratt bejnhom u Medserv, qal li sa fejn jaf hu le, iżda din kienet l-aġent tal-vapur, fis-sens dan kien jidħol għandhom u Medserv kienet ukoll tinformahom meta jkun daħal il-vapur. Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti, fosthom il-manifest li ġie mimli u maħruġ minn Medserv (fol 78). Kontro-eżaminat fir-rigward tat-*tacograph* esebit minnu, qal li ma setax jaħlef kinitx tal-*container* in kwistjoni, iżda qal li ssir fuq kull *container*. Huma jkunu pplaggjaw il-merkanzija fil-maħżen tagħhom. Fuq domanda insistenti fir-rigward insista li kien preżenti meta l-*container* ġie pplaggjat fuq il-vapur u kienu mpjegati tal-Medserv li għamlu dan (fol 105).

Illi fit-23 ta' Ottubru 2006 xehed Tony Caruana mill-Awtorita' Marittima illi kkonferma li Medserv kienu ndikati bħala aġenti tal-vapur Asso II meta dan wasal u telaq minn Malta f'Ġunju 2001. Ma kellux informazzjoni rigward l-armaturi. Kontro-eżaminat qal li ma jafx x'relazzjoni kuntrattwali kien hemm bejn il-vapur u Medserv. Uffiċjal tad-dwana kkonfermat illi l-oġġetti ġew distrutti.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2008 xehed Raymond Borg, uffiċjal tas-soċjeta' Medserv. Dan qal li meta ġie mgħobbi l-*container* imsemmi, ix-xhud Ray West kien qallu li kienu ttardjaw ftit għaliex it-tagħbija kienet tathom ħafna nkwiet għaliex il-*container* li kienet fih kellu l-ħsara, tant li kellhom jibdluh. Qal li huwa tela' abord fejn il-Kaptan iffirmalu d-dokumenti u l-*container* tgħabba mal-*containers* l-oħra fuq il-lanċa. Qal ukoll li ma kienx kompitu tiegħu jara li kien issiġillat. Sar jaf li kien hemm problema meta ġew informati minn barra li l-ikel kien ħżien u allura kien se jintbagħat lura, kif fil-fatt sar. Insista li huwa kellu x'jaqsam mad-dokumentazzjoni u xejn iżjed. Xehed ukoll fit-tul fl-istess seduta, Charles Vella, konsulent tekniku tal-Medserv, li qal li x-xogħol tiegħu huwa li jgħabbi u jħott il-laneċ. Għalhekk kif jasal *container* li jittella' fuq il-vapur, huwa jipplaggjah. (Aktar tard qal li fil-fatt ma jkunx hu li jipplaggja iżda jara li jkun ipplaggjat). Meta jitgħabba l-*container* ikun hemm ukoll rappreżentant tekniku tas-soċjeta' lit kun qed tesporta, f'dan il-każ Salvo Grima Ltd, u tal-Corinthia Caterers. Qal li jiftakar li f'dan il-każ it-*technician* tagħhom kien ġia' hemm – għalhekk ippresuma illi kellhom xi nkwiet. Kontro-eżaminat qal li proprjament huwa ma hux bniedem tekniku iżda skond hu faċli li wieħed jara l-vleġġa li timmarka r-*rotation* tat-temperatura tal-*freezer*. Qal li x-xhud Borg jikkonċerna ruħu biss mill-ħruġ tal-manifest għaliex dak xogħlu. Qal ukoll illi r-responsabbilta' tiegħu (ta' Vella) hija li jara li l-ikel li għandu jinżamm kiesaħ jasal fil-*freezer* u li jsir il-*plugging* kif suppost. Qal ukoll illi ma jiftakarx il-*container* kienx ipplaggjat jew le, iżda dak il-ħin ma kellux problemi.

KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI:

Illi ma hemmx dubju li l-ikel mibgħut bil-*container* in kwistjoni ġie ritornat Malta fi stat ħażin u kellu jiġi meqrud; Għalhekk ukoll ma hemmx dubju li s-soċjeta' attriċi ħallset il-ħsara ndikata. Il-kwistjoni hija biss dwar min jaħti għal din il-ħsara, u allura min għandu jwieġeb għaliha. Is-soċjeta' attriċi tindika fl-istess nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi hija qed tippretendi li titħallas mingħand is-soċjeta' Medserv bħala aġent ta' Agip Oil. Da parti tagħha s-soċjeta' Medserv qed tikkontesta sija li l-ħsarat saru

meta l-*container* kien fir-responsabbilta' tagħha, u anke li hija rappreżentanta ta' Agip Oil bħala tali, iżda biss għandha kuntratt magħha biex tieħu ħsieb tal-ħatt u tagħbija tal-merkanzija. Għandu jingħad li s-soċjeta' konvenuta l-oħra H. Mifsud & Sons Ltd. filwaqt li eċċepiet li mhijiex mandatarja tas-soċjeta' Augusta, ma ressqitx provi.

Illi l-Qorti hija konvinta li l-ħsara seħħet waqt it-traġitt għaliex ma hijiex sodisfatta mill-provi mressqa mis-soċjeta' Medserv illi kien hemm xi difetti fil-*container* qabel ma dan ġie mgħobbi, u għalhekk il-kwistjoni prinċipali li l-Qorti trid tiddeċiedi hija jekk is-soċjeta' Medserv *nomine* għandhiex tiġi konsiderata responsabbli mill-*punto di vista* legali. Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Alfred Calleja et nomine vs Carmelo Ellul Sullivan noe et"** (per Imħallef Philip Sciberras) deċiża fil-15 ta' Diċembru 2004 qalet illi:

*"Kif rikonoxxut hemm diversi kwalitajiet ta' aġenziji marittimi u n-natura ġuridika tagħhom tvarja skond il-funzjonijiiet li jiżvolġu u tista' wkoll tvarja minn każ għall-każ (**"Vivian J Bianchi nomine vs Edward Sullivan et nomine"** – Qorti tal-Kummerċ (per Imħallef George Schembri) deċiża fit-8 ta' Marzu 1979). Ġia' f'sentenza anterjuri għal din l-Onor. Imħallef Tancred Ġouder kien iddisenja u ddistingwa tliet xorta ta' rakkomandatarji, ossia:*

*1. Is-sempliċi konsenjatarji jew aġenti tal-vapur illi jiġu magħżulin kull darba li l-bastiment imur fil-post fejn joqgħod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarji stabbli u l-fakoltajiet tagħhom huma limitati għall-operazzjonijiet relattivi għal karikament u skarikament ta' bastiment wieħed determinat, f'post wieħed;*

*2. Ir-rakkomandatarji li huma dawk li jirrappreżentaw lill-artmaturi b'mandat ġenerali għal dak li jirrigwardja l-esekuzzjoni ekonomika u kummerċjali tal-kuntratt tat-trasport li jestendi ruħu għall-operazzjonijiet kollha kemm huma relattivi għall-bastimenti kollha tal-armaturi;*

*3. Ir-rappreżentanti jew aġenti tas-soċjetajiet ta' navigazzjoni li huma istituti veri u proprji għax jittrattaw u jikkonkludu abtiwalment l-affarijiet kollha tas-soċjeta' li jirrappreżentaw il-post fejn joqogħdu u f'dak il-post huma preposti għall-kummerċ kollu li fl-istess post jiġi eżerċitat mis-soċjeta' mandanti. (Kollz. Vol. XXX1X – p iii-paġna 821).*

*Issa apparti l-fatt li x-xorta ta' aġenziji marittimi kompliet fiż-żminijiet tal-lum testendi ruħha sew, il-premess iwassal għal din il-konsiderazzjoni. Dejjem fuq l-insenjament tal-imsemmi Imħallef Ġouder: "ir-rappreżentant lokali ta' armature esteru, imbagħad avolja kien sempliċement konsenjatarju tal-bastiment għal dik id-darba biss li l-bastiment kien Malta u hekk kien mandatarju okkażjonali bil-fakoltajiet limitati għall-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti għall-fatt tal-karikazzjoni u tal-iskarikazzjoni ta' bastiment determinat, għandu rappreżentanza attiva u passiva tal-armatur għal dawk l-operazzjonijiet speċifiċi u kwindi hu persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-armatur f'azzjoni ta' danni pretiżi minn esekuzzjoni ħażina ta' obbligazzjoni assunta għat-trasport ta' merkanzija u għad-danni konsegwenzjali (**Kollezzjoni Volum XLIII – p ii – paġna 856**). Konsegwentement ir-rakkomandatarju jista' jiġi ċitat għan-nom tal-armaturi basta jkunu attijietli ma jeċċedux ta' affair li r-rakkomandatarju hu nkarigat minnhom. Bħala persuni nkarigati bil-konsenja tal-merkanzija huma l-persuni leġittimi biex jirrispondu għal domanda dwar nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija. (**Kollezzjoni Vol XL** – pti **iii-paġna 619)**.*

Illi fil-każ in eżami s-soċjeta' Medserv irrilaxxjat il-manifest tat-tagħbija in kwistjoni bħala *Medserv as agents* (fol 79). Għalhekk kuntrarjament għal dak li qegħda ssostni fil-kawża, hija kienet f'dak il-mument il-mandatarja tas-soċjeta' Agip Oil. Kwindi skond l-insenjament fuq indikat hija għandha ċertament twieġeb għall-azzjoni għad-danni u ma tistax teżonera ruħha u tgħid li mill-mument li l-*container* tgħabba fuq il-vapur hija ħelset minn kull responsabbilta'. Għalhekk it-talba attriċi fil-konfront tagħha fil-kwalita' premessa għandha tiġi akkolta.

Rigward l-isem proprju tas-soċjeta' estera għalkemm hemm referenza fin-nota ta' sottomissjonijiet li mhix ċitata bl-isem korrett tagħha ma hemm ebda eċċezzjoni formali fir-rigward – *semmai* din tista' tikkawża problema fl-esekuzzjoni tas-sentenza li din il-Qorti ma għandhiex tidħol fiha.

Illi fir-rigward tas-soċjeta' konvenuta l-oħra ma nġabet ebda prova li kienet b'xi mod tirrappreżenta lis-sidien tal-vapur jew li kellha x'taqsam ma' xi soċjeta' li kienet involuta ġuridikament fil-kawża.

Illi fir-rigward tal-komputazzjoni tad-danni s-soċjeta' Medserv fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha rrimarkat li s-soċjeta' Salvo Grima nkludiet spejjeż li fil-fatt ma jeżistux għaliex kien servizz li rrendiet hija stess; fuq dan il-Qorti taqbel u se tnaqqas l-ammont b'erba' mitt lira Maltin (Lm400); fir-rigward tas-sottomissjonijiet l-oħra ma tħossx pero' li għandha raġun għaliex il-valur tal-ikel kien il-prezz li bih kien se jinbigħ u mhux kemm ġie jiswa lis-soċjeta' msemmija. Għalhekk il-valur totali tal-ħsara huwa ta' sitt elef, ħames mija u ħamsa u tmenin lira Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm6,585.99c) jew ħmistax-il elf, tliet mija u ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€15,345.35).

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' H. Mifsud & Sons Ltd. u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' Medserv Ltd. f'isimha u għalhekk tilliberaha bħala tali mill-osservanza tal-ġudizzju; iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-istess soċjeta' u tikkundannaha bħala aġent tas-soċjeta' Agip Oil tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf, tliet mija u ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€15,345.35); l-ispejjeż tas-soċjeta' H. Mifsud & Sons ikunu a kariku tas-soċjeta' attriċi, filwaqt li l-ispejjeż l-oħra fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-parijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------